**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta’ Jannar , 2016

Rikors Nru : 25/2013/1 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-esponenti jirrileva li l-attrici abbandunat il-fond matrimonjali snin ilu u qeghda tghix hajja totalment separata minn mal-esponenti zewgha, u kien proprju minhabba dan il-fatt li l-hajja matrimonjali sfaxxat irrimedjabbilment;

Illi llum il-gurnata z-zewg ulied tal-partijiet u cioe` J li twieldet fl-14 ta’ Jannar 1991 u kif ukoll T li twieldet fit-22 ta’ Jannar 1996, huma maggorenni;

Illi percio` l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti hekk kif ippresjeduta u s-seduti fil-kawza fl-ismijiet

hawn fuq premessi qed isiru quddiem l-Assistent Gudizzjarju, l-Avukat Dr. Anna Mallia LL.D.;

Illi l-esponenti jirrileva li ghal diversi seduti l-attrici ma resqet l-ebda prova, u l-unici xhieda li xehdu fil-kawza odjerna kienu proprju r-rapprezentanti tal-banek lokali, fejn fost l-ohrajn irrizulta li l-attrici ghandha diversi kontijiet bankarji, nkluz anke kont ma' terzi persuni;

Illi peress li l-attrici qatghet il-kuntatt kollu mal-esponenti, huwa ghandu biza` u preokkupazzjoni serjissima li l-istess attrici ghamlet jew tista` effettivament taghmel djun ma' terzi persuni, li percio` jaggravaw il-Komunjoni tal-Akkwisti;

Illi tenut kont li l-attrici ghazlet hi minn jeddha li tabbanduna l-fond matrimonjali, ma jkunx gust fuq l-esponenti li jispicca bir-riskju li kwalsiasi djun li tista` taghmel l-attrici ad insaputa u minghajr l-approvazzjoni tal-esponenti, jaghmlu tajjeb ghalih, jew il-Komunjoni tal-Akkwisti jew aghar minn hekk l-esponenti nnifsu, u sakemm tigi terminata l-Komunjoni tal-Akkwistji l-esponenti ser jibqa` espost ghal tali riskji u konsegwenzi;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-attrici mhux ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat bit-terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti fil- mori tal-kawza;

Illi ghall-kuntrarju, tali terminazzjoni tal-istess Komunjoni tal-Akkwisti ghandu jgib beneficcju[1] inkwantu jevita li apparti milli l-attrici taghmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista` jigi attribwit lill-Komunjoni tal-Akkwisti, l-esponenti jkun anki jista` jirriakkwista id-dritt illi jaghmel l-atti kollha tal-hajja civii u kummercjali, u dan minghajr il-htiega tal-kunsens, l-approvazzjoni, jew l-intervent tal-parti l-ohra;

Illi l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili) jipprovdi s-segwenti:

> (1) *Il-qorti tista`, f'kull zmien matul is-smigh tal-kawza ta' firda, fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin.*

---

[1] Vide kawza fl-ismijiet A sive BC vs DC (deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-15 ta' Lulju 2014, Cit. nru. 249/2006) li ghamlet referenza ghall-kawza fl-ismijiet Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi (deciza mill-Qorti tal-Appell, fit-28 ta' Marzu 2014).

Illi l-esponenti jirrileva li s-suespost qed jinghad dejjem minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi kreditu li l-esponenti jista` jkollu kontra l-Komunjoni tal-Akkwisti u dan fil-kuntest ta' kif l-istess Komunjoni tista` tigi likwidata u assenjata;

Talab in vista tas-suespost li l-attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-konvenut ;

Bl-ispejjez.

Rat illi l-intimata debitament notifikata, ma wiegbitx ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba min-naha tar-rikorrenti C B biex pendent l-kawza bejn il-partijiet tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u dan peress li huwa ghandu biza li l-attrici tista` taghmel djun li allura l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet jkollha taghmel tajjeb ghalihom. Illi l-intimata min-naha taghha ma ipprezentat l-ebda risposta ghat-talbiet tar- rikorrenti[2] sabiex titwaqqaf il-komunjoni ta' l-akkwisti ai termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 55(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtiha l-fakolta' sabiex f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid necessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

---

[2] Ara digriet ta' din il-Qorti datat 6 ta' Lulju 2015 u n-notifika lill-intimata li saret fis-17 ta' Lulju 2015 lill-intimata.

L-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma*

*jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Ikkunsidrat :

Il-Qorti hija marbuta permezz ta' l-Artikolu 55(4) li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti, hija tezamina u tara jekk xi parti jew ohra tkunx sejra tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawza.

Minkejja li fir-rikors odjern l-intimata m'oggezzjonatx li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi mwaqqfa f'dan l-istadju, din il-Qorti xorta se tghaddi biex tezamina jekk fuq il-bazi ta' fatti li ghandha quddiemha s'issa, xi parti jew ohra hix se tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat.

Fir-rikors tieghu r-rikorrenti jghid li l-partijiet ilhom snin jghixu *de facto* separati minn xulxin. Ir-rikorrenti qieghed jirrisjedi fid-dar matrimonjali u l-intimata qed tghix x'imkien iehor. Jghid ukoll li fil-kawza li qeghda tinstema' mill-Assistant Gudizzjarju ttelghu diversi xhieda tal-banek lokali fejn jirrizulta li l-intimata ghandha diversi kontijiet, inkluz anke kont ma' terzi persuni. Ir-rikorrent jghid li huwa qata' kull kuntatt li kellu ma' martu u ghaldaqstant ma jafx f'liema stat finanzjarju hija tinsab, jghid li hu zgur li ma jkunx gust jekk huwa jispicca bir-riskju li l-intimata tindhol f'xi djun li jkollu jirrispondi ghalihom hu jew il-komunjoni ta'l-akkwisti.

Il-Qorti ser taghmel referenza ghall-kawza citata mir-rikorrenti fir-rikors tieghu, *Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi* (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Marzu 2014) u tikkwota s-segwenti :

*"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti*

*tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell citat hawn fuq japplika ghar-rikors odjern u dan peress li min ikun qed jallega li ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat ghandu jgib tali prova. Ghaldaqstant l-intimata ma allegatx li ser ikun hemm xi pregudizzju mhux proporzjonat f'kaz li l-Qorti tilqa' t-talba rikorrenti u wisq inqas gabet xi prova fir-rigward.

Il-Qorti tara pjuttost illi li tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti a bazi ta' dak dikjarat mir-rikorrenti fir-rikors tieghu datat 3 ta' Lulju 2015, li din it-terminazzjoni ser tkun ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet f'kaz illi xi hadd mill-partijiet jidhol f'xi dejn li jista' jkollha tirrispondi ghalih il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti hadd mill-partijiet mhu ser isofri xi pregudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kull parti tista' ttellgha l-provi li hemm bzonn li ttella` rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti tipprovdi fis-sentenza finali meta tigi biex ixxolji l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu ngabru l-provi kollha. Hawnhekk il-Qorti se taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta, meta l-Qorti qalet hekk : *"L-istess irid jinghad ghal dak kollu li jaqa' taht il-kappa tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew xi immobbli parafernali ta' l-istess partijiet stante li t-talba odjerna tkun applikabbli mid-data ta' dan id-digriet il-quddiem"*[3].

Fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikors tal-konvenut datat 3 ta' Lulju 2015 b'dan illi tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u tiddikjara li r-regim matrimonjali li ghandu japplika bejn il-kontendenti millum il-quddiem huwa dak tas-separazzjoni tal-beni u qeghda tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien gimgha minn mindu din is-

[3] Grima Christopher vs Grima Liliana sentenza deciza fid-9 t'Ottubru 2014 (Rikors Numru 85/2011) minn din il-Qorti

sentenza preliminari tigi dikjarata *res judicata* javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza.

L-ispejjez ta' din is-sentenza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.